# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 115, miżmumha nhar 7 ta’ Awissu 2019, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa u nofs ta’ fil-għaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Vici-President/Membru |
| • Romilda Baldacchino Zarb | Mosta LC | Membru |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Mary Ann Abela | Swieqi LC | Membru |
| • Dean Hili | Pembroke LC | Membru |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Membru Delega |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |

- Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

115.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

115.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

115.3 Komunikazzjoni mil-President;

115.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;

115.5 Rapporti;

a. Bord tal-ingaġġ

115.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtieġa; -

a. Presentation web app for region
b. Presenation Leap centers (Chris grima, Elaine Attard and Nathalie Grima)
c. Chamber of Planners ( Anthony ellul)
d. Cif update
e. NGO's cooperation plan
f. Region festivals proposals
g. EU projects – expressions of interest
h. Naomi Macdonald (Trees in region proposal)
i. EU Regions and Councils Open week – October 2019

115.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

115.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-president Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri ta' l-attendenza.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 1. Qari ta' Apologiji

Is-Sur Peter Sant Manduca kien skuzat minħabba l-laqgħa tal-Kunsill.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħat 114 ittieħdu bħala moqrija.

Mary Ann Abela, issekondata minn John Buttigieg, ipproponiet li l-minuti tal-laqgħa 114 ikunu approvati. Il-membri qablu unanimanent.

Anton Mifsud staqsa fuq it-tender ta' l-skart organiku proponut fl-aħħar laqgħa. Is-Segretaju Eżekutiv spjega li ser issejjaħ laqgħa mas-Segretarji Eżekutivi kollha sabiex ikun jista jibda il-proċess u jfassal tender skont il-bżonnijiet lokali individwali. Il-President spejga li l-Kunsill ta' l-Imtarfa kien qabel ma l-ideja u qabel li jipparteċipa.

Fuq il-byelaw proposta, Is-Segretaju Eżekutiv spejga li kien beda il-process ma l-avukat.

Is-sur John Buttigieg, staqsa jekk il-course tac-child care li presentament kien addej fir-Reġjun, jistax jiġi estiz għal adulti ta aktar min 30 sena. Is-Segretaju Eżekutiv wieġeb li jekk il-membri jkun propost u l-membri jablu, tali kors jista jkun offrut lil dawn l-adulti. Saret diskusjoni fuq is-suġġet.

John Buttigieg, ippropona li Reġjun għandu jagħmel kors ta'child minding għal-adulti, u li tali kors andu jkun sussidjat 50% għal-parteċipanti. Il-President issekonda din l-mozjoni. Il-Membri qablu unanimanet.

Dan jfisser li R-Reġjun jorganizza kors għal għoxrin persuna. Dan il-kors se jiswa lir-Reġjun 5000 ewro.

CIF – Ir-Reġjun bagħat diversi brochers lil għaqdiet, skejjel, Ngo li jinsabu irreġistrati fil-lokalitajiet tagħna. Presentament fetaħ l-kors tac-child care u qed issiru preparamenti għal-food course. Deħlin ukoll applikazjonijiet għal-korsijiet l-oħra. F' Settembru ser niprovaw nibdew il-kors tar-restawrar tal-karozzi. Presentament għaddejin preparament bil-post ikun jista jilqa dawn l-korsijiet.

Blodd Donation Day – Id-data tas-6 ta' Ottubru hija konfermata. Ser tintbagħt iktar informazjoni lil Kunsilli.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

**Il-President semma li kien mistieden għal-jum il-Mellieħa, li attenda u ta' ukoll diskors. Dan ser jintbagħat lil-membri. Tkellem fuq il-ħidma tar-Reġjun u ukoll fuq ix-xogħol li ser ikun qed jagħmel fix-xhur li ġejjien.**

Informa ukoll lil-membri li fil-laqgħa li kienet għamlet AKL f'Lulju, konna infurmati li Lesa ser tagħddi s-somma ta Euro 48668.91 lir-Reġjun li jistaw jintużaw f-diversi progetti sa l-Lulju li gej.
Is-Segretaju Eżekutiv talab għal proposti min għand il-membri , proposti ta' attivitajiet kulturali, proġetti kommunitarji u affarijiet simili.

Il-president tkellem fuq is-suċċess li kelli l-Christmas Choir fetsival li tella f'Dicembru li għadda, festival li kien itella f'kull lokalita tar-Reġjun. Huwa issuġġerixxa li dan l-aveniment għandu jerga jittella. Mary Ann Abela issekondat il-proposta tal-President. Il-membri qablu unanimament.

Ann Marie Muscat Fenech Adami staqsiet lil-President x'jista jagħmel r-Reġjun fuq il-problema ta' l-skart. Anton Mifsud wieġeb li dan għandu jagħddi għand ir-Reġjuni iżda fil-prezent ir-Reġjun ma jista jagħmel xejn. Anne Marie staqsiet jekk jistax ikun hemm



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

iktar infurzar. Il-president wieġeb li l-infurzar mhux kompitu tar-Reġjun, iżda ser issir talba lil Agenzija ta' L-infurzar , il-Lesa biex jintalab iktar infurzar. Ser ukoll jitkellem mal-Ministru biex jara li r-Reġjuni ikuni involuti fil-Lesa.

Anton Mifsud tkellem ukoll fuq il-ktieb tar-Reġjun. Huwa qal li issa l-layout inħadmet u jonqos issir chapter fuq il-membri tar-Reġjun. Huwa talab lil kull membru biex jibgħat rittratt tiegħu biex ikun inklus fil-ktieb.

## 4. Rapporti

Is-Segretaju Eżekutiv presenta ir-rapport tal-Bord ta' l-ingaġġ għas-sejħa ta' assistent Reġistratur. Mary Ann Abela proponiet li rapport ikun approvat. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament. Il-preseident għalhekk talab lis-Segretaju Eżekutiv jikkomunika mas-sinjorina Natalie Zammit u jgħidilha li Reġjun approva l-impieg taħa.

F'dan il-ħin, s-sur Dean Hili kellu jitlaq mil-laqgħa. Il-ħin kien 20.32 hrs

Is-Segrejau Eżekutiv ippresenta l-ittra tar-rezenja ta' Daniela Marortta l-iskrivana tar-Reġjun. Din l-ittra kien waslet propjament dak in-nhar stess. Huwa talab li joħrog it-talba biex jimpjega skrivan/a mil-ġdid. Anne Marie Muscat Fenech Adami, issekondata min Daryl Connor talbet biex tinħareġ is-sejħa għall din il-vakanza. Il-membri qablu unanimament.

Is-Segrejau Eżekutiv aġġorna l-membri fuq l-impjegati ta' l-RSS li qedin mar-Reġjun. Huwa spejga li mit-tlieta li kelna spiċċajna b'wieħed wara li fit-tmiem ix-xhar li għadda spiċċa supervisor bl-eta, u ftit ta jiem qabel wieħed mil-ħaddiema talab li jkun trasferit



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

minħabba nuqqas ta' qbil mal-ħaddiem l-ieħor. It-talba tiegħu kient milquha mil-management ta' RSS. Presentament il-ħaddiema li baqgħa qed jagħmel xi xogħol f' Ħal Għargħur.

Saret diskusjoni fuq il-bżonn ta' iktar ħaddiema. Il-President propona li ssir unit ta' ħaddiema tekniċi reġjonali li tkun qeda taqdi l-bżonijiet tar-Reġjun. Din il-proposta kienet issekondata min Anne Marie Muscat Fenech Adami kif ukoll min Romilda Baldachino Zarb. Il-Membri qablu unanimament.

Is-Segrejatu Eżekutiv talab li l-laqgħa tkun imwaqfa biex issiru żewg preżentazjonijiet. Il-membri qablu unanimament.

Il-Laqgħa reġgħat infetħet.

Raymond Schembri kellu jitlaq f'21.20hrs
Romilda Baldachino Zarb kellha titlaq f'21.30hrs

## 5. Korrispondenza

## 6. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 113. John Buttigieg ippropona, u Paul Vela issekonda li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 114. Daryl Connor



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

ippropona, u Christianne Mifsud issekondat li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

## Affarijiet ohra

Proposti ta’ proġetti ta’ L-EU

Is-Segretaju Eżekutiv issuġġerixxa li r-Reġjun jippublika sejħa ta’ interess għal minn jaħdem fil-qasam tal-proġetti ta’ l-EU biex ikunu jistaw jresqu proposti lir-Reġjun a bażi li jekk ir-Reġjun japplika u l-applikazjoni tintlaqa, il-persuna li tkun waslet il-proposta titqabbad baħla il-project manager jew coordinator skond il-kas.  Spejga li hemm diversi fondi li jippermettu dan it-tip ta sistema w għal hekk ikun jagħmel sens li nofru din il-possibilita billi nagħmlu talba ta’ interess publika.  Raymond Schembri ippropona li r-Reġjun joħroġ din is-sejħa.  Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat din il-proposta.  Il-membri qablu unanimament.

Twaħħil ta’ Siġar

Il-membri kellhom preżentazzjoni mis-sinjorina Naomi Macdonald li tirrapreżenta l-NGO But Why Not.  Din offriet li fir-Reġjun ħames siti jitħawlu madwar 1000 siġra, bil-premess li l-Kunsill Lokali jieħu f'idejn it-tisqija tagħhom għal l-ewwel żewġt isjuf. Il-President Anton Mifsud qal li r-Reġjun interessat f’din l-offerta u talab lis-Sinjorina Macdonald biex it-twaħħil issir kollu fil-lokalitajiet tar-Reġjun.  Huwa ringrazzjha u talaba tikellem iktar fid-dettal mas-Segretaju Eżekutiv.  Il-membri kollha qablu mas-Sur Mifsud.

Rapport tal-Audit lil-Management

Is-Segretaju Eżekiutiv presenta r-rapport ta’ l-awdituri kif ukoll it-tweġibiet min naħa tar-Reġjun.  Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li tweġibiet ikun aċċetati u jintbagħtu lil NAO.  John Buttigieg issekonda il-mozjoni.  Il-membri qablu unanimament.

Is-Segretaju Eżekutiv presenta l-kwotazjonijiet miġbura għal xogħol fuq website u application. Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li l-offerta ta APPRISER, li kienet l-orħos offerta tkun aċċettatata. Abraham Aquilina issekonda il-mozjoni. Il-membri qablu unanimament.

Is-Segretaju Eżekutiv presenta l-kwotazzjonijiet miġbura għall-ħatra ta' DPO għar-Reġjun. Metthew Chectuti proponi li l-offerta ta' Boom Consultantcyli kienet l-orħos offerta tkun aċċettata. Daryl Connor issekonda l-mozjoni. Il-membri qablu unanimament.

EU Reġion ad and Cities Open Week

Il-membri Anne Marie Muscat fenech Adami, Christianne Mifsud, Daryl Connor u Abraham Aquilina urew ix-xewqa li jmorru għal din l-attivita.

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra ta' fil-għaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fl-11 ta' Setembru 2019, fis 18.30 hrs, fl-uffiċju Administrativ tar-Reġjun. .

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 11 ta' Settembru 2019



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt